MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2368/2002

**Business Marketing Services Ltd**

**Vs**

**Colour Chart Co Ltd u Ian Abela Fitzpatrick**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm345) minghand il-konvenuti jew min minnhom, rapprezentanti prezz ta' reklamar li gie stampat mis-socjeta attrici fil-hargiet numri 36,37 u 38 tal-magazine PC World Malta ippubblikat minnha u dan wara li kienet saret id-debita ordni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li s-socjeta konvenuta kkontestat il-kawza.

Ra n-nota li permezz taghha s-socjeta attrici rrinunzjat ghat-talba fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Semgha lill-avukat Dr. Antoine Naudi in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas is-somma ta’ tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm345), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------